# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-29 ta' Marzu, 2023

Avviz tat-Talba numru: 97/2021 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**VERSUS**

**Maria Aquilina (KI 337562M)**

**u**

**John Joseph Debono (KI 76089M)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fiL-25 ta' Marzu 2021 fejn is-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti wara arbitragg fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited vs John Joseph Debono (M3489/2013) is-somma komplessiva ta' elfejn disa' mija sitta u erbghin euro u sebghin centezmu (€2946.70) bhala danni, imghax, spejjes legali, gudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAN 213. Il-vettura SAN213 kienet propjeta ta' Maria Aquilina u fit-2 ta' Jannar 2011, kienet qed tinstaq mill-initmat John Joseph Debono meta kienet involuta f'incident awtomobilistiku fi Triq is-Sajjied, San Pawl-il Bahar. Fl-incident il-vettura SAN213 habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KMF 010, propjeta ta' terzi. Illi irrizulta illi John Joseph Debono kien ghadu ma ghalaqx l-eta ta' hamsa u ghoxrin sena li kienet l-eta' indikata fil-polza ghall-fini ta' kopertura u ghalhekk ma kienx kopert mill-istess polza u lanqas ma kellu licenzja valida ta' sewqan hekk kif kien iddikjara hu stess lill-pulizija li investigaw l-incident. Is-socjeta' mittenti kienet kostretta thallas lit-terzi gialdarba kienu sodisfatti d-dispozzizjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' mittenti nkorriet spejjes gudizzjarji u legali fl-ammont komplessiv ta' tlett mija erbgha u disghin euro tnejn u tmenin centezmu (€394.82). Permezz tal-ittra ufficjali datat 3 ta' Jannar 2013, is-socjeta mittenti Elmo Insurance Limited wissiet lil-intimati bil-konsegwenzi kollha tal-inadempjenzi kontratttwali taghhom u kienet qieghda tirreklama minghand l-intimati, solidament bejniethom. L-imsemmi ammont ta' tlett elef tlett mija wiehed u erbghin euro tnejn u hamsin centezmu (€3,341.52), bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 2013 u 8 ta' Gunju 2020 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax

legali b'effett mit-8 ta' Gunju 2020 sad-data tall-effetiv pagament kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta li giet pprezentata mill-konvenuta Maria Aquilina fit-22 ta' Gunju 2021, fejn wiegbet illi preliminarjament hija m'hijiex il-legittima kontradittura f'dina l-azzjoni u ghalhekk ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju ghax qatt ma kienet verament is-sid tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SAN213, ghax fil-fatt kienet giet sfurzata mit-tifel taghha John Joseph Debono, li huwa bniedem aggressiv hafna, biex zzomm il-vettura fuq isimha, basta l-istess John Joseph Debono ma kienx ser jaghmel uzu mill-istess vettura. Hija kienet mandatarju *prestanome* fejn apparentment tezercita d-drittijiet ta' propjetarju mentri fir-relata' mhux hlief il-madatarju. Illi fil Current Incident Report, bin-numru 9/V/22/2011 (Dok MA1), il-pulizja naqsu milli jindikaw li Maria Aquilna ma kintix verament s-sid tal-vettura bin-numru SAN 213, fejn naqsu li indikaw illi Maria Aquilina ma kellhiex x'taqsam mal-incident. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-konfront tal-intimata Maria Aquilina l-ammont pretiz huwa preskritt. Illi s-socjeta rikorrenti taf illi Maria Aquilina kienet biss mandatarju *prestanome* tal-imsemmi vettura u li Atlas Insurance PCC limited kienet fethet proceduri fl-imsemmi Arbitragg kontra John Joseph Debono biss fl-2013, fejn Maria Aquilina qatt ma ssejhet ghas-subizzjoni. Illi Maria Aquilina qatt ma giet nnotifikata b'kopja tas-sentenza tal-Arbitragg, ghalkemm dan l-Aribtragg kien kontra l-interessi taghha kif gie allegat mis-socjeta rikorrenti u lanqas bl-ittra ufficjali u qatt ma inghatat rimedju effettiv kif moghti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa u qatt ma inghatat l-opportunita' tibbenifika mill-principju baziljarji tad-dritt ossia Equality of Arms, Basic Rules of Natural Justice u Audi Alteram Partem izda u lanqas ma giet nnotifikata b'kopji ta' xi dokumenti li kellu jkun anness mal-kawza u dana huwa kontra d-digriet tat-Tribunal datat 12 ta' April 2021.

Ghalhekk fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici m'huwiex dovut, kif ser jigi ipprovat fil-kawza, minghajr pregudizzjoni ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimata Maria Aquilina m'ghandha xejn pendenti mas-socjeta attrici ghax hi kienet biss mandatarja prestanome u mhux sid tal-istess vettura bin-numru tar-registrazzjoni SAN 213 u l-ammont pretiz huwa preskritt fil-konfront ta' Maria Aquilina. Ghalhekk is-socjeta attrici ma tistax titlob l-ammont ta' €3,331.52 bl-ispejjez, komprizi dawk gudizzjarji u legali msemmija u bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Gunju 2020 solidament bejn Maria Aquilina u John Joseph Debono.

Illi fid-19 ta' Ottubru 2022 irrizulta illi l-konvenut John Joseph Debono kien nnotifikat u ma pprezentax risposta entro termini u ghalhekk kien jinsab fl-istat ta' kontumacja. Is-socjeta attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-istess John Joseph Debono. Fid-19 ta' Ottubru 2022 xehdet Fiona Galea Farrugia, li tokkupa l-kariga ta' Registratur mac-Centru tal-Arbitragg, ipprezentat decizjoni tal-Arbitragg bin-numru 3489/2013 datat 19 ta' Dicembru 2014 flimkien mat-taxxa relattiva li gew mmarkati bhala Dok FGF1 u FGF2. Ic-centru ma kienx gie infurmat illi kien sar appell mid-decizjoni tal-Arbitragg u ikkonfermat illi ma kienx hemm referenza ghal Maria Aquilina fl-okkju.

Xehed George Stagno Navarro li huwa rapprezentant tas-socjeta Elmo Insurance Ltd u ikkonferma illi l-vettura tal-ghamla Isuzu Gemini kienet inxurjata f'isem Maria Aquilina u sewwieqa fuq l-25 sena. Hu ipprezenta certifikat tal-assikurazzjoni li giet mmarkata bhala Dok GSN1. Kienu saru jafu li kien hemm incident minghand Atlas Insurance PCC li kienet l-assikustrici tal-vettura li kienet giet milquta mill karroza SAN213. Mir-rapport tal-pulizija (ipprezentata u mmarkata bhala Dok GSN2) irrizulta illi John Debono kien qal illi ma kellux licenzja u kellu wiehed u ghoxrin sena fiz-zmien tal-incident. Peress illi John Joseph Debono kellu biss 21 sena, kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza liema kopja tal-polza ipprezenta u giet immarkata bhala Dok GSN3 fejn f'pagna 14 numru 7 kien hemm il-ksur u Elmo kellhom jhalsu lil Atlas is-somma ta' €2946.70 wara decizjoni tal-Arbitragg skond ir-rikjesta tal-hlas immarkat Dok GSN4. Intbghatu zewg ittri ufficjali immarkati Dok GSN 5 u GSN6. Ma kien hemm ebda hlas minn Maria Aquilina jew John Joseph Debono. Fil-kontro ezami ikkonferma li l-assikurazzjoni kienet f'isem Maria Aquilina u ghalhekk ir-relazzjoni kontrattwali kienet ma' Maria Aquilina u John Joseph Debono kien qieghed jsuq il-vettura dakinhar tal-incident.

Xehdet WPS 2254 Janice Giordmaina li kienet s-surgent inkarigata mir-rapport tal-okkorenza numru 9/V/22/2011 immarkat bhala Dok JG,liema rapport sar wara incident li sehh fit-2 ta' Jannar 2011 fi Triq San Pawl Il-Bahar fejn vettura bin-numru SAN213, li kienet registrata fuq Maria Aqulina, u kienet misjuqa mit-tifel taghha John Joseph Debono li twieled fil-2 ta' Frar 1989.

Xehdet WPS 2044 Graziella Farrugia li kienet stazzjonata l-Qawra, li kien hemm persuna li kien qalilhom illi kien sema' incident fejn vettura kienet habtet fil-karozza tieghu izda ma kienx ha n-numru. Komplew jinvestigaw u kienu sabu lli minn kien qieghed jsuq, li kien jismu John Joseph Debono, kien bla licenzja u bla assigaruzzjani u kienu hargulu charges pero mhux hi kienet li hargitlu c-charges. Fil-kontro ezami ikkonfermat illli Maria Aquilina kienet indikata bhala sid imma mhux hi kienet qieghda ssuq.Huma kienu bghatu ghal Maria Aquilina li qalet illi hi ma kinitx ssuq il-vettura imma xi kultant kien jsuqha t-tifel taghha.

Xehed Dr Christopher Spiteri li huwa Senior Manager Legal Affairs ma' Transport Malta li ikkonferma illi fit-2 ta' Jannar 2011 John Joseph Debono ma kellux licenzja ta' sewqan izda kellu licenzja bil- probation mill-14 ta' Novembru 2018 u licenzja ta' sewqan mit-3 ta' Frar 2021 u ipprezenta dokument immarkat CS1. Rega' xehed fIt-23 ta' Novembru 2022 fejn ipprezenta dokumnet immarkat bhala Dok CS1 li turi l-lista tas-sidien tal-vettura, fejn mis-17 ta' Gunju 2010 sad-29 ta' Jannar 2011 il-vettura kienet tghajjat lil Maria Aquilina.

Fit-23 ta' Novembru 2022 John Joseph Debono li kien msejjah ghas-subizzjoni, ma deherx. Is-Socjeta attrici iddikjarat provi maghluqa. Fil-25 ta' Jannar il-konvenuta Maria Aquilina ddikjarat illi ma kellhiex provi xi tressaq.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar l-1 ta' Frar 2023.

**Ikkonsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-konvenut John Joseph Debono kie gie nnotifikat bil-kawza izda ma ipprezentax risposta entro termini. Fid-19 ta' Ottubru 2022, is-socjeta atttici ipprezentat kapitoli fil-konfront tieghu u fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022, il-konvenut John Joseph Debono ma deherx minkejja li kien msejjah ghas-subizzjoni. Mill provi prodotti m'hemmx dubju li l-incident li sehh fit-2 ta' Frar 2011, sehh tort tal-konvenut John Joseph Debono kif gie deciz fis-sentenza tal-Arbitragg bin-numru M3489/2013 fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited vs John Joseph Debono u li s-socjeta attrici kienet obbligata thallas fil-vesti taghha bhala assikuratur tal-vettura bin-numru SAN213. Ghalhekk mill-provi ipprezentati t-talba hija ipprovati fil-konfront ta' John Joseph Debono.

Fil-konfront tal-konvenuta Maria Aquilina, hija kienet giet nnotifikat bl-ittra ufficjali datata 3 ta' Jannar 2013, izda ma kinitx parti mill-kawza quddiem l-artibtru u s-socjeta attrici ma bghatitx ittri ufficjali qabe; it-8 ta' Gunju 2020. Fill-fatt lehqu ghaddew aktar minn seba' snin sakemm Maria Aquilina regghet giet msejha sabiex taghmel tajjeb ghad-danni inkorsi mis-socjeta rikorrenti. L-ittra ufficjali datata 8 ta' Gunju 2020 giet innotifikata lil Maria Aquilina fid-19 ta' Jannar 2021 u dan wara s-sentenza tal-Arbitragg bin-numru M3489/2013 fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited vs John Joseph Debono u Elmo Insurance Limited, li kienet deciza fil-konfront ta' Elmo Insurance Limited u ghalhekk fil-konfront tal-konvenuta Maria Aquilina it-talba tas-socjeta attrici hija preskritta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad it-talba fil-konfront tal-konvenuta Maria Aquilina stante li hija preskritta. Jilqa' t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut John Joseph Debono u jiddikjara li huwa risponsabbli ghad-danni li s-socjeta attrici kienet kostretta thallas bhala assikuratrici tal-vettura SAN213. Jikkundana lill-istess konvenut John Joseph Debono jhallas is-somma ta' tlett elef tlett mija wiehed u erbghin euro tnejn u hamsin centezmu (€3,341.52), bl-ispejjez tal-ittri ufficjali msemmija u bl-imghax mid-data tat-8 ta' Gunju 2021 sal-hlas shih. L-ispejjes tas-socjeta attrici ghandhom jithalsu mill-konvenut John Joseph Debono filwaqt illi l-ispejjes tal-konvenuta Maria Aquilina ghandhom jithalsu mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**